Nifraħ minn qalbi lill-istudenti egħżież tiegħi u lill-istudenti l-oħra kollha li daħlu fil-qasam miftuħ għalihom b'tant ħila u sagrifiċċju minn ta' qabilhom. Jalla l-ħeġġa u l-ħila tagħhom jikbru, u ma jiqfux. Is-sens jinsab fuq in-naħa tagħhom.

# F'Tarf Xifer

Il-korda mill-qabla
tinqata' fil-ftuħ,
b'applawsi tal-merħba
fil-globu tad-dmugħ.

Fil-qalb hemm sekonda
bejn ħajja w mewt tħokk,
li tħabbar il-mota
u ddoqq l-aħħar tokk.

Jekk ħsibt minn dal-globu
ser toħroġ rebbieħ,
hemm xifer li jġarrfek
hekk kif tiskorrih.

Marcel Żammit Marmarà